Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 261/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**John sive Jean Agius**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John sive Jean Agius u persuna ohra talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' l-20 u l-21 ta' Novembru 2002 u fl-ahhar ghaxar xhur precedenti, ghalkemm fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) b'azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn Malta sabiex ibieghu

jew jittraffikaw id-droga eroina f'dawn il-Gzejjer, jew ippromwovew jew ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni;

(b) fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw id-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lil persuna jew persuni, jew ghal persuna jew ghal persuni minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kienu awtorizzati bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, u meta ma kinux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u ma kinux b'xi mod iehor illicenzjati biex ifornu l-imsemmija droga;

(c) kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, u meta ma kinux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija, u ma kinux b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta, li jkollhom fil-pussess taghhom din id-droga, u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ricotta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John sive Jean Agius hati "ta' l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza' pero` b'attentat dwar l-ispacc ta' droga fl-akkuza ta' l-20 u l-21 ta' Novembru 2002, u tat-tielet akkuza u, wara li rat l-artikoli 18, 41(1)(a) tal-Kap. 9, Taqsima IV u VI tal-Kap. 101, artikolu 22(1)(a)(f)(1A)(1B) u 22(2)(b) tal-Kap. 101, Regolamenti 4 u 8 tar-Regoli dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif emendat b'Kap. 101", ikkundannatu ghal piena ta' hames snin prigunerija, li

minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv, kif ukoll ghal hlas ta' multa ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000). Di piu` kkundannatu ghal hlas ta' l-ispejjez inkorsi fil-perizji f'dan il-kaz u ordnat il-konfiska u distruzzjoni ta' l-oggetti kollha sekwestrati li ghandhom x'jaqsmu mar-reati ndikati fl-akkuza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John sive Jean Agius ipprezentat fis-6 ta' Lulju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassar dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel akkuza, hati tat-tieni akkuza, pero` b'attentat dwar l-ispacc ta' droga fl-akkuza tal-20 u l-21 ta' Novembru 2002, u hati tat-tielet akkuza bic-cirkostanza li l-pussess tad-droga kien f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu u kif ukoll dik il-parti fejn gie ikkundannat ghal perijodu ta' hames snin prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000), u tikkonferma dik il-parti fejn gie misjub hati tat-tielet imputazzjoni u cioe` pussess tad-droga kokajina <u>pero` minghajr</u> ic-cirkostanza li l-pussess tad-droga kien f'cirkostanzi li ma kinitx intiza ghall-uzu personali u tinfliggi piena aktar gusta u idoneja ghall-kaz;

Rat il-verbal tat-2 ta' Novembru 2007 li permezz tieghu Dott. Roberto Montalto u Dott. Jose` Herrera ghall-appellant gibdu l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li s-sentenza appellata hija nulla fit-termini ta' l-artikolu 382 tal-Kap. 9 u dan ghaliex fl-istess sentenza ma ssemmewx l-artikoli tal-ligi kollha li jikkontemplaw ir-reati kollha li dwarhom kien hemm pronunzjament ta' htija;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Novembru 2007 li permezz taghha ddikjarat is-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront ta' l-appellant John sive Jean Agius fil-25 ta' Gunju 2007 nulla u ordnat il-prosegwiment tal-kaz fil-mertu;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Is-sottomissjonijiet ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) minn imkien ma jirrizultaw il-mansjonijiet ta’ l-espert forensiku Godwin Sammut; (2) l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni jew interpretazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ligi meta sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni peress illi interpretat hazin l-element tal-*common design*; (3) l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu peress illi huwa kien jakkwista d-droga ghall-uzu esklussiv tieghu. Fi kwalunkwe kaz, dwar it-tieni imputazzjoni ma hemm l-ebda prova ta’ traffikar u dwar it-tielet imputazzjoni jirrizulta biss li l-appellant kien ikun fil-pussess tal-kokaina ghall-konsum personali tieghu biss; (4) minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena hi eccessiva.

Dwar l-ewwel kwistjoni sollevata mill-appellant, u cioe` li minn imkien ma jirrizultaw il-mansjonijiet ta’ Godwin Sammut bhala espert, huwa minnu illi fid-digriet taghha l-Magistrat Inkwirenti ma qalitx illi Godwin Sammut kien qieghed jigi nominat bhala espert forensiku (ara digriet tal-21 ta’ Novembru 2002 a fol. 7 tal-process verbal[1]). Fl-istess hin l-anqas ma jirrizultaw “il-mansjonijiet” ta’ Dr. Etienne Ciantar MD, ta’ P.S. 601 J. Attard u ta’ P.C. 186 K. Mintoff, izda dwar dawn l-appellant ma jilmentax. Lanqas ma jirrizulta li lmenta dwar in-nomina ta’ Godwin Sammut quddiem l-ewwel Qorti. Anzi meta Godwin Sammut xehed quddiem l-ewwel Qorti fil-21 ta’ Lulju 2005 id-difensur ta’ l-appellant ma sab l-ebda diffikulta` biex jaghmillu kontro-ezami dettaljat “bhala analista” – kif drabi rrefera ghalih – dwar, *inter alia*, l-uzu ta’ *crack cocaine* u l-mod kif tigi stabbilita l-purita` tal-kokaina. Fil-verita` dawn l-erba’ persuni ma gewx nominati f’vakwu izda fil-kuntest tan-nomina ta’ l-Ispettur Neil Harrison sabiex izomm access u tan-nomina ta’ dawn il-persuni biex jassistu lill-Ispettur Harrison. Kull wiehed mill-imsemmijin persuni jigifieri kienu qeghdin jigu nominati sabiex jassistu lill-Ispettur Harrison skond l-*expertise* tieghu u skond id-

[1] Dok. PV a fol. 185.

direttivi moghtija mill-Ispettur Harrison stess. Filwaqt illi din il-Qorti tissollecita lill-Magistrati Inkwirenti sabiex ikunu aktar precizi fin-nomini li jaghmlu ta' esperti, fl-istess hin ma tqisx li n-nuqqas tal-Magistrat Inkwirenti f'dan il-kaz ghandu jwassal biex tigi dikjarata invalida n-nomina ta' Godwin Sammut u, konsegwentement, ma jistax jintqal li hu ma setax jaghti l-opinjoni espressa fir-relazzjoni tieghu. Fi kwalunkwe kaz l-appellant stess ammetta illi d-droga in kwistjoni kienet kokaina.

Issa, permezz ta' l-ewwel imputazzjoni l-appellant gie akkuzat bir-reat ta' assocjazzjoni. Huwa jghid illi l-ewwel Qorti naqset milli tifhem illi l-pjan komuni tal-membri ta' l-assocjazzjoni irid ikun wiehed identiku u li jrid ikun necessarjament iffinalizzat sabiex tinbiegh jew tigi traffikata d-droga kokaina f'dawn il-Gzejjer. Jigifieri ghall-finijiet tar-reat in kwistjoni zewg persuni jew aktar iridu jfasslu pjan komuni u jridu jaqblu fuq il-mezzi li ser jigu kkumbinati sabiex jintlahaq l-iskop komuni finali. Dan ifisser, jghid l-appellant, illi ma jistax ikollok ir-reat ta' assocjazzjoni fejn persuna wahda tiftiehem ma' ohra biex tforniha bid-droga u l-persuna l-ohra taccetta li tixtri jew takkwista l-istess droga, u dan ghaliex filwaqt li l-ewwel persuna kienet qed timmira lejn il-bejgh tad-droga sabiex taghmel qliegh hi direttament minn dik it-transazzjoni, il-persuna l-ohra tkun qed tiftiehem dwar il-mod kif tissupplixxi lilha nnifisha bid-droga. Fil-kaz in dizamina, jghid l-appellant, l-appellant kien jakkwista d-droga minghand persuna Ingliza, liema persuna kienet tibghat id-droga f'Malta lill-appellant ma' persuna ohra. Il-prosekuzzjoni tallega li sussegwentement l-appellant kien jittraffika dik l-istess droga gewwa Malta. Illi ghalhekk jidher, isostni l-appellant, illi in effetti minkejja l-involviment ta' aktar minn zewg persuni, f'dan il-kaz qatt ma kien hemm assocjazzjoni fit-termini tal-ligi bejn l-appellant u xi wiehed jew wahda miz-zewg persuni l-ohra, u dan ghas-semplici raguni li l-uniku skop li l-appellant kien qieghed jipprova jiffinalizza flimkien ma' Enahoro (li kienet ko-imputata mieghu) jew mat-traffikant Ingliz kien li huwa jakkwista d-droga, filwaqt illi z-zewg persuni l-ohra kienu qeghdin jiftehmu biex ifornuh. Dan ghalhekk ifisser illi l-appellant ma kellu ebda pjan komuni ta' traffikar u bejgh

ta' droga f'Malta flimkien ma' xi wiehed jew wahda minn dawn iz-zewg persuni. Lanqas ma jirrizulta illi kien hemm ftehim dwar il-pjan u l-mezzi kkumbinati li kellhom jintuzaw sabiex jintlahaq l-ghan komuni tal-assocjazzjoni. Inoltre, ikompli jghid l-appellant, huwa lanqas ma gie akkuzat bl-importazzjoni tad-droga f'Malta bhalma giet akkuzata Enahoro. Ghall-appellant, dan ifisser illi l-prosekuzzjoni stess kienet qed teskludi r-responsabbilta` tieghu ghall-importazzjoni tad-droga anki fil-figura ta' komplici. U minkejja l-fatt illi l-kuncett ta' traffikar jinghata definizzjoni fil-Kap. 101, ir-reat ta' importazzjoni jew min jghin, jassisti jew igieghel li tigi importata d-droga f'Malta, huwa reat *ad hoc* u per konsegwenza hadd ma jista' jinsab hati ta' traffikar ta' droga talli huwa jkun importa dik id-droga jekk ma tkunx inghatat l-akkuza specifika ta' importazzjoni.

L-artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li kull min **"jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni, ikun hati ta' reat kontra din l-Ordinanza."** Skond l-artikolu 22(1A) din l-assocjazzjoni **"tezisti malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu."**

Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Marzu 2003 din il-Qorti[2], fis-sentenza taghha fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Steven John Caddick et**, qalet:

**"Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they**

[2] Fil-gurisdizzjoni superjuri taghha.

**are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy <u>and</u> the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is <u>not necessarily</u> going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."**

X'inhuma l-provi f'dan il-kaz? Jirrizulta illi l-Pulizija kellha informazzjoni kunfidenzjali li l-appellant kien se jimporta xi droga f'Malta permezz ta' *couriers*. Fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Novembru 2002 il-Pulizija zammet osservazzjoni fl-ajruport. Hemm rat lill-appellant jiltaqa' ma' Vivien Hazel Akharele Enahoro, passiggiera fuq titjira minn Londra. Dawn rikbu karozza misjuqa minn certa Elizabeth Borg Cardona u l-Pulizija interveniet. L-appellant mill-ewwel irrimarka li dak li kienu qeghdin ifittxu kienet fuq Enahora u li Borg Cardona ma kellha xejn x'taqsam. Ittiehdu l-ghassa fl-ajruport ghal tfittxija. Enahora qalet illi kellha xi haga fil-parti intima taghha izda oggezzjonat li tohrogha. L-Ispettur Harrison ghalhekk informa lill-Magistrat Inkwirenti li tat struzzjonijiet biex Enahora tigi ezaminata l-Isptar San Luqa. Fil-fatt fil-parti intima taghha nstab pakkett li kien kontjeni trab abjad. Dan gie ezaminat minn Godwin Sammut u nstab li kien jikkonsisti f'124.51 gm kokaina b'purita` ta' madwar 16%. L-appellant gie interrogat mill-Ispettur Harrison.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant qal li hu jiehu l-kokaina izda mhux ta' kuljum u kien ilu ma jiehu xi erba' jew hames xhur. Spjega li xi gimaghtejn qabel kien baghat £4,800 li kien issellef lil certu Gucci biex jibaghtlu xi mitt gramma

jew aktar kokaina. Dan Gucci kien diga` baghtlu darbtejn ohra u l-ewwel darba xi ghaxar xhur qabel meta kienet gabet il-kokaina tfajla ohra. It-tieni darba kienet l-imsemmija Enahora madwar erba’ jew hames xhur qabel izda, skond l-appellant, id-droga ma kinitx ta’ kwalita` tajba u remiha u lil Enahora baghtha lura. Gucci kien qallu li kienet se terga’ tigi Enahora. Kif waslet cemplitlu, iltaqghu, rikbu l-karozza ma’ Elizabeth Borg Cardona li pero` ma kellha x’taqsam xejn mal-kaz ghax hu kien semplicement talabha *lift*, u kif marru fuqhom il-Pulizija qallhom mill-ewwel li d-droga kienet ghand Enahora u li Borg Cardona ma kellhiex x’taqsam. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti kkonferma illi kien jiftiehem ma’ Gucci jew Jets – kif ukoll jirreferi ghalih fix-xiehda tieghu – biex jibaghtlu l-kokaina.

Is-subartikolu (1B) ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi ghall-finijiet ta’ l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, **“il-kelma ‘jittraffika’ (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b’riferenza ghal traffikar f’medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f’dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta’ informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta’ tali medicina bi ksur ta’ din l-Ordinanza”**.

Galadarba l-kelma “traffikar” tinkludi “l-importazzjoni”, u galadarba hawn si tratta ta’ ftehim li sar ghal mill-anqas tliet darbiet ma’ persuna fl-Ingilterra sabiex dan jibghat il-kokaina Malta lill-appellant, u mieghu wkoll l-appellant ftiehem il-mezzi ta’ kif kellha ssir dik l-importazzjoni – u cioe` permezz ta’ *courier* bl-ajru – l-imputazzjoni ta’ assocjazzjoni hi assodata. Fejn l-importazzjoni tkun ghall-uzu esklussiv ta’ persuna, tali importazzjoni trid tkun saret minn dik il-persuna *de proprio*, cioe` persuna li tkun diehla Malta u fil-pussess taghha jinsab ammont ta’ droga li c-cirkostanzi juru li tkun ghall-uzu esklussiv taghha. Dan mhuwiex il-kaz hawn. U l-prosekuzzjoni ma kellhiex

ghalfejn takkuza lill-appellant separatament b'importazzjoni galadarba, skond il-ligi, il-kelma "traffikar" tinkludi "l-importazzjoni". Jigifieri jekk l-iskop ta' l-assocjazzjoni jkun l-importazzjoni ta' droga f'Malta, ir-reat ta' assocjazzjoni hu assodat minghajr il-htiega li jintwera illi d-droga kienet intiza biex tinbigh jew tigi distribwita lil persuni ohra f'Malta. Ghalhekk fil-kaz in ezami l-ewwel imputazzjoni tirrizulta.

Dwar it-tieni imputazzjoni, l-appellant josserva illi l-ewwel Qorti qasmet il-fatti fil-mertu fi tliet episodji. Dwar dak li allegatament sehh ghaxar xhur qabel il-21 ta' Novembru 2002, l-appellant jinsisti illi l-prosekuzzjoni b'ebda mod ma ppruvat illi tali traffikar effettivament sehh fil-perijodu indikat, u dan a bazi ta' l-insenjament ta' din il-Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija v. Michael Cini** tat-30 ta' Lulju 2004. Dwar il-perijodu ta' erba' jew hames xhur qabel il-21 ta' Novembru 2002, hawn ukoll ma setghetx tinsab htija peress illi d-droga in kwistjoni ntremiet u ma giet fornuta lil hadd nonostante illi l-appellant qal li kien diga` thallas; ir-reat ta' traffikar jigi kkonsmat bil-fornitura u bil-provvista u mhux meta jsir il-hlas. Imbaghad dwar l-episodju tal-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Novembru 2002, l-appellant jghid illi hawn ma setax jinsab hati lanqas fil-forma ta' tentattiv peress illi minn dak li gara f'dak il-lejl jidher car illi sal-mument li intervjenew il-Pulizija, huwa ma kienx ghadu wera l-hsieb li jittraffika d-droga billi ta bidu ghall-esekuzzjoni tar-reat ta' traffikar b'atti esterni.

L-appellant gie akkuzat bi traffikar "fil-lejl ta' l-20 u l-21 ta' Novembru 2002 u fl-ahhar ghaxar xhur precedenti". Fl-istqarrija tieghu tal-21 ta' Novembru 2002 l-appellant iddikjara li l-ewwel darba li gab il-kokaina kien "xi ghaxar xhur ilu", u t-tieni darba "xi 4 jew 5 xhur ilu". It-tielet darba naturalment kienet l-okkazjoni tal-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Novembru 2002. Kwantu ghaz-zmien, huwa l-appellant stess li semma d-drabi meta gab il-kokaina u, nonostante illi juza l-kelma "xi", din il-Qorti tifhem li l-perijodu kollu msemmi fl-akkuza huwa kopert minn dak li qal l-appellant. Izda t-tieni imputazzjoni tinsab assodata mill-provi? L-appellant meta xehed quddiem l-ewwel Qorti sostna li l-kokaina li kien igib kienet ghall-konsum tieghu personali u

li minnha kien jifforma l-*crack*. Xehed li qatt ma ttraffika f'ghomru. Fi ftit kliem, fix-xiehda tieghu donnu ried jaghti x'jifhem illi kien gideb lill-Pulizija.

Issa, fl-istqarrija tieghu, meta l-appellant gie mistoqsi x'kien se jaghmel bid-droga, wiegeb hekk:

"Jiena d-droga kont ser niehu parti minnha ghalija, u parti ohra kont ser nghaddihom [*recte:* nghaddiha] lil shabi biex ipejjpu minnha d-dar tieghi. Huma kienu ghadhom ma halsunix tal-parti taghhom, pero` kienu ser ihallsuni aktar tard. Il-parti l-kbira minnha kienet ghall-ohrajn, u jiena kont ser inzomm xi 10 jew 15 grammi biss ghalija. Jiena ma kont ser naqla' xejn ghax huma hbieb tieghi. Fl-okkazjonijiet ta' qabel l-istess kien gara. Kont gibt il-kokaina kif semmejt u kienu hadu minnha hbieb tieghi. Ta' qabel huma kienu hallsuni taghha."

Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant sostna li meta gie arrestat kien "already very high on crack". Dan pero` jikkontrasta ma' dak li qal fl-istqarrija li kien ilu ma jiehu xi erba' jew hames xhur. Xehed illi kien irrabjat meta qara l-istqarrija ghax ma kinux kollha kliemu peress illi huwa jitkellem parti bil-Malti u parti bl-Ingliz mentri l-istqarrija hi kollha bil-Malti. Fl-istess hin qal illi b'daqshekk ma kienx qed jghid illi min kitbu "he didn't do his job. He had to do his job because I admitted to everything". Xehed illi haseb illi jekk jghid illi kien se jiehu l-kokaina ma' tlett ihbieb "tkun all right". Fl-istess nifs jammetti li kienu jmorru tlett ihbieb tieghu izda ma kinux ihallsuh u kien ikollhom minn taghhom u jaghmlu "party". Issa, fl-istqarrija tieghu fl-ebda waqt ma semma kemm hbieb kienu involuti, u meta gie konfrontat b'dan mill-prosekuzzjoni qal "mela tnejn". Xehed illi dawk illi kien jiehu l-kokaina maghhom kien ikollhom taghhom izda in kontro-ezami, mistoqsi kinux "users", wiegeb: "They had their own stuff as well. I might have helped a bit but that doesn't mean I was a supplier." Stranament fix-xiehda tieghu l-appellant isemmi zewg ragunijiet ohra ghaliex jghid illi ma qalx il-verita` lill-Pulizija, u cioe` li haseb li ma kinux jemmnuh li d-droga kienet ghalih u li haseb li ma kinux jafu bil-process ta' kif il-kokaina tigi konvertita ghal

*crack*. Dawn l-ispjegazzjonijiet huma inverosimili ghal kollox.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dak li l-appellant ipprova jaghmel fix-xiehda kultant ingarbuljata tieghu hu *damage control exercise* li bih ma mpressjona lil din il-Qorti bl-ebda mod, anke ghax fl-istess xiehda ma setax jahrab mill-verita` li kien b’xi mod jissupplixxi l-kokaina waqt il-“parties” li semma. Issa huwa minnu illi fil-kaz ta’ l-ahhar konsenja, dik li twasslet Malta minn Enahoro fil-lejl ta’ bejn l-20 u l-21 ta’ Novembru 2002, din ma giet supplita lil hadd. Pero` l-akkuza titkellem ukoll dwar li l-appellant “offra” li jforni jew li jipprokura l-kokaina. Hekk fl-istqarrija tieghu dwar din il-konsenja jghid illi shabu kienu se jhallsuh aktar tard u dwar il-konsenji ta’ qabel kienu hallsuh. Galadarba jidher li kien hemm diga` l-offerta tal-hlas, huwa logiku li kien hemm l-offerta da parti ta’ l-appellant biex jissupplixxi. Dan jghodd anke jekk kien hemm xi droga li l-appellant allegatament rema. Kwindi anke t-tieni imputazzjoni tirrizulta.

Dwar it-tielet imputazzjoni, l-appellant jissottometti illi mill-assjem tal-provi migbura jirrizulta mqar sal-grad tal-probabbli illi huwa kien ikun fil-pussess tal-kokaina ghall-iskop tal-konsum personali tieghu – dan kemm mix-xhieda tad-difiza u dik tieghu stess kif ukoll minn numru ta’ indizji inekwivoci.

Mix-xiehda ta’ l-appellant u ta’ martu, kif ukoll dik ta’ Josette Camilleri mill-agenzija Sedqa, din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi l-appellant kellu problema ta’ abbuz ta’ droga. In vista ta’ dak li ntqal dwar it-tieni imputazzjoni, pero`, huwa evidenti illi l-appellant kien ikollu l-kokaina mhux biss ghall-uzu tieghu izda anke biex jissupplixxi lil haddiehor. Ghalhekk anke din it-tielet imputazzjoni hi pruvata.

Dwar il-piena saru diversi sottomissjonijiet: (1) il-ko-imputata Enahora giet ikkundannata ghall-istess reati kif ukoll ghal dik ta’ importazzjoni ghal piena ta’ tliet snin prigunerija. Ghalhekk m’ghandux ikun hemm disparita` fil-piena; (2) minghajr pregudizzju, huwa applikabbli l-*proviso*

tas-subartikolu (9) ta' l-artikolu 22 tal-Kap.101 dwar *sharing*. Skond l-appellant, minkejja li dan il-*proviso* ma kienx ghadu introdott meta sehh l-allegat reat, jista' jigi applikat a bazi tar-regola illi ghandha dejjem tigi applikata l-ligi li tohloq il-piena l-aktar favorevoli ghall-akkuzat (art. 27 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta); (3) minghajr pregudizzju, ghandu jkun hemm l-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (4) ghandu jinghata kunsiderazzjoni ghall-fatti partikolari ta' dan il-kaz u senjatament l-isfond fattwali kronologiku kwazi tragiku ta' hajjet l-appellant li kien jghaddi minn zvintura ghall-ohra bla ebda waqfien b'konsegwenzi horox li setghu kellhom kontribuzzjoni sostanzjali ghall-agir tieghu. Aktar gravuz minn hekk, jikkonkludi l-appellant, huwa l-fatt illi minkejja dan kollu huwa rnexxilu jirriforma ruhu purche` l-eta` avvanzata ta' 63.

Kwantu ghall-ewwel sottomissjoni, din il-Qorti hi tal-fehma li hemm differenza bejn il-fatti relattivi ghal Enahoro u dawk relattivi ghall-appellant. Enahoro kienet *courier* li f'zewg okkazjonijiet wasslet id-droga lill-appellant. L-appellant mhux biss kien involut fl-assocjazzjoni sabiex dik id-droga titwassal ghandu fi tliet okkazjonijiet separati, izda anke ssupplixxa jew offra li jissupplixxi dik id-droga lil terzi. Ghalhekk jekk ikun hemm disparita` fil-pieni, din hi biss dovuta ghad-differenza fis-sehem ta' kull wiehed u wahda minnhom.

L-appellant jippretendi illi kemm-il darba jinstab hati ta' traffikar allura ghandu japplika l-ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi hekk:

**"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma'**

**ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu."**

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** tal-5 ta' Mejju 2008, din il-Qorti diversament presjeduta kkummentat hekk dwar dan il-*proviso*:

**"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel *proviso* (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga <u>intiza ghalih</u> jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor <u>f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess</u>. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun <u>tista'</u> (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi <u>kollha</u> tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba[3], il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."**

Fil-kaz in ezami din il-Qorti m'ghandhiex dubju li minn dak li l-appellant stess qal fl-istqarrija u minn dak li xehed quddiem l-ewwel Qorti kien ikun hemm okkazjonijiet ta' *sharing*. Izda mill-istess stqarrija jirrizulta illi haddiehor li l-appellant kien juza mieghu kien ihallas ghal sehmu u li l-appellant kien jordna d-droga minn barra sabiex juza minnha kemm hu kif ukoll il-hbieb tieghu. Ghalhekk ix-

[3] Ara it-<u>tieni</u> *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22: "Izda wkoll il-hati jista' jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjonijiet tal-*proviso* li jigi minnufih qabel dan."

*sharing* li kien ikun hemm ma kienx ix-*sharing* kontemplat mil-legislatur. Kwindi l-imsemmi *proviso* mhuwiex applikabbli.

Kwantu ghall-applikabilita` ta’ l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti ssib illi bejn l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u t-tieni imputazzjoni hemm l-assorbiment tal-mezz ghall-fini skond l-artikolu 17(h) imsemmi. Hawn irid jissemma illi l-ewwel Qorti sabet l-assorbiment biss bejn l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u ghalhekk il-komputazzjoni tal-piena kienet bazata fuq il-piena applikabbli ghal zewg reati u mhux ghal reat wiehed, dak li l-artikolu 17(h) jiddeskrivi bhala r-reat l-aktar gravi.

Fir-rigward tas-sottomissjonijiet l-ohra maghmula, huwa minnu li l-appellant ghadda minn mizavventura ghall-ohra. Pero` jekk beda jaghmel uzu mid-droga m’ghandu hadd hlief fih innifsu x’iwahhal. Kif inghad, li kellu dipendenza fuq droga wkoll jirrizulta minn dak li xehdet Josette Camilleri mill-Agenzija Sedqa fis-seduta ta’ l-1 ta’ April 2003. Il-pipa esebita, ghalkemm ma nstabux tracci ta’ droga fiha, hija wkoll evidenza ta’ abbuz ta’ droga. Amanda Agius, mart l-appellant, ikkonfermat li zewgha kien jabbuza mid-droga u s-*solicitor* tieghu Jeffrey Maxwell stqarr bla tlaqliq li “it was common knowledge in the West End that he had developed a crack habit”. Martu pero` stqarret li issa m’ghadux jaghmel uzu minn droga. Ghalkemm m’hemmx evidenza indipendenti dwar dan – ir-rapport tal-laboratorju a fol. 305 mhux validu ghall-iskopijiet ta’ din il-kawza peress illi ma jirrizultax li l-urina pprezentata ghall-analizi nghatat taht cirkostanzi kontrollati – din il-Qorti tittama illi verament sallum l-appellant issupera l-vizzju li kellu u jibqa’ determinat li ma jergax jissokkombi. Naturalment il-fatt illi kien dipendenti fuq droga ma jnaqqasx mir-reita`, izda l-fatt illi persuna tkun ghelbet il-vizzju jittiehed in konsiderazzjoni fil-piena.

Fl-istess hin hawn si tratta ta’ reat kontinwat fejn il-piena tista’ tizdied minn grad sa zew gradi, u dato c-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena ghandha tizdied bi grad.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi ssib lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu bl-assorbiment ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet fit-tieni imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 17(h) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 22(1)(a)(f)(1A)(1B), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' erba' snin bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv u ghall-hlas ta' multa ta' hamest elef u hames mitt euro (€5500). A tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif vigenti meta sehh il-kaz, l-appellant mhux se jigi kkundannat ihallas spejjez ta' esperti peress illi dawn gew nominati fl-inkjesta. Fl-ahharnett din il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-oggetti esebiti li jikkonsistu f'medicina perikoluza jew oggetti relatati ma' l-abbuz tad-droga b'opera tar-Registratur tal-Qorti li ghandu jipprezenta nota dwar l-operat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------